# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru**

**Avviz numru 1395/99/SM**

**Simonds Farsons Cisk p.l.c.**

**vs**

**Joseph Barbara**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u disa' u tletin liri Maltin (Lm939) rapprezentanti l-bilanc fuq self mghamul lill-konvenut bi ftehim tal-1 ta' Gunju, 1996 (Dok.A), u dan peress li l-konvenut kiser dan il-ftehim qabel ma skonta s-somma kollha lilu mislufa;**

**Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Gunju, 1999, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 9 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha rriduciet is-somma mitluba fl-avviz ghll-Lm459.21,0 stante xi pagamenti fil-mori tal-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-9 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta, bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**